2024/1323

17.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1323

tas-16 ta' Mejju 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2820 li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli milquta minn diżastri naturali fil-Greċja u fis-Slovenja, fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-pagamenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 221(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2820 ([2]) jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli milquta minn diżastri naturali fil-Greċja u fis-Slovenja.

(2) Sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jkunu jistgħu jibbenefikaw malajr mill-appoġġ finanzjarju ta' emerġenza, l-Artikolu 1(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2820 jistabbilixxi l-aħħar data possibbli għall-pagamenti għall-miżuri skont dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, li hija stabbilita għall-31 ta' Mejju 2024.

(3) Peress li ma għandu jsir l-ebda pagament wara l-31 ta' Mejju 2024, jenħtieġ li japplika l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) sabiex kwalunkwe pagament li jsir wara din l-aħħar data possibbli għall-pagamenti jitqies ineliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([4]), li jipprevedi tnaqqis proporzjonali tal-pagamenti ta' kull xahar li jsiru wara l-iskadenza, ma jkunx applikabbli.

(4) Għalhekk, sabiex tiġi ċċarata l-eliġibbiltà tal-pagamenti, jenħtieġ li l-Artikolu 1(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2820 jiġi emendat skont dan.

(5) Fid-dawl tal-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata u li tiġi ċċarata l-eliġibbiltà tal-pagamenti ferm qabel l-iskadenza tal-31 ta' Mejju 2024, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Il-miżura prevista f'dan ir-Regolament hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2820 tal-15 ta' Diċembru 2023 li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli milquta minn diżastri naturali fil-Greċja u fis-Slovenja (ĠU L, 2023/2820, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2820/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2820, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. In-nefqa mġarrba mill-Greċja u mis-Slovenja msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-pagamenti għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna tal-Unjoni biss jekk dawk il-pagamenti jkunu saru sal-31 ta' Mejju 2024.

Għal dawn il-pagamenti għandu japplika l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN